**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Mejju, 2019**

**Talba Nru: 463/2018 PM1**

**Concorde International Freight Forwarders Limited (C11393)**

**Vs**

**360 Retail Supplies Limited (C64990)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Settembru, 2018 illi s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kundannata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf tmien mija u sitta u tmenin euro (€1,886) rapprezentanti spejjez inkorsi minnha fuq inkarigu tal-intimata referibbli ghall-bejgh u konsenja ta' prodotti fil-25 t'April, 2018, 22 ta' Mejju,

2018 u fil-5 ta' Gunju, 2018 bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-intimat ingunta in subizzjoni.

Ra d-dokument anness mal-avviz tat-talba ossija il-fattura relattiva ghall-ammont mitlub datata 6 ta' Settembru, 2018, CMR u *delivery order* datata 14 t'Awwissu, 2017.

Ra r-risposta tas-socjeta` intimata li permezz taghha gie eccepit li t-talbiet attric huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li s-socjeta` attrici naqset mill-obbligi taghha f'ordni anterjuri fejn naqset milli twassal il-merkanzija kollha u ghalhekk hemm lok ghal rifuzjoni ta' somma, liema pretensjoni tifforma l-bazi tal-kontro-talba maghmulha mill-istess socjeta` konvenuta.

Ra l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta li permezz taghha l-istess socjeta` konvenuta talbet li s-socjeta` attrici tigi kkundannata thallas is-somma ta' sitt mitt euro (€600) kif ukoll somma ohra rappresentanti spejjez inkorsi mis-socjeta` konvenuta saiex iggib merkanzija mitlufa mis-socjeta` attrici kif sejjer jigi pruvat. Ai fini ta' kompetenza inghad li l-ammont globali mitlub ma jeccedix hamest elef euro (€5000) bl-ispejjez u bl-imghax.

Ra r-risposta tas-socjeta` attrici ghal tali kontro-talba li permezz taghha gie eccepit illi t-talbiet tas-socjeta` intimata huma infondati fil-fatt u fid-dritt, li m'huwiex minnu li s-socjeta` attrici naqset milli twassal il-merkanzija kollha, illi m'hemmx lok ghal xi hlas min-naha tal-attrici wisq anqas ghal xi rifuzjoni.

Ra l-affidavit ta' Nicholas Xerxen a fol. 16 tal-process u d-dokumenti annessi mal-istess affidavit.

Sema' x-xhieda tal-istess Nicholas Xerxen fis-seduta tal-11 ta' Frar, 2019

Ra l-affidavit ta' Jonathan Sciberras a fol 25 tal-process u d-dokumenti annessi mal-istess affidavit.

Sema' xhieda ta' Jonathan Sciberras moghtija in kontro-ezami fis-seduta tal-4 ta' Marzu, 2019.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza gie differita ghall-ghoti tas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi jirrizulta car li t-talbiet tas-socjeta` attrici jirrigwardjaw prezz ta' servizzi ta' garr ta' merkanzija liema servizz is-socjeta` attrici wettqet fuq inkarigu tal-istess socjeta` intimata fid-dati indikati fl-istess avviz ossija fil-25 t'April, 2018, 22 ta' Mejju, 2018 u 5 ta' Gunju, 2018.

Illi permezz tal-eccezzjonijiet imressqin minna, s-socjeta` konvenuta ma jidhirx li tikkontesta dan il-fatt imma tirreferi ghal ordni anterjuri ghal dawn id-dati fejn is-socjeta` attrici naqset milli twassal il-merkanzija kollha. Dan kollu jirrizulta wkoll mill-affidavit ta' Jonathan Sciberras li jispjega kif, wara l-incident mertu tal-kontro-talba, "*huwa minnu li s-socjeta` tieghi regghet inkarigat lis-socjeta` rikorrenti sabiex isir xoghol iehor izda dejjem ippretendejt li ta' dan in-nuqqas u f'dan is-sens nirreferi ghax-xoghol mitluf, jiena nigi kkumpensat. Ghad li tlabt ghal dan il-hlas, dan qatt ma sar. Ghalhekk naghlaq billi nghid li meta rcevejt din il-kawza kont ergajt staqsejt x'sejjer jigri bil-merkanzija originarjament mitlufa izda bqajt minghajr risposta* ».

Konsegwentement huwa car li l-mertu tal-azzjoni odjerna huwa ristrett ghall-kwistjoni dwar jekk hemmx lok ghal tpacija bejn is-somom mitlubin mis-socjetajiet kontendenti rispettiv.

Illi a sostenn tat-talba tas-socjeta` attrici, Nicholas Xerxen in rapprezentanza tas-socjeta` attrici jezebixxi Gatt Pass-Out datata 23 t'April, 2018, Delivery Order datata 21 ta' Mejju, 2018 u Delivery Order ohra datata 5 ta' Gunju, 2018 ilkoll debitament

iffirmati. B'referenza ghall-eccezzjoni koncernanti merkanzija mitlufa u l-konsegwenti kontro-talba l-istess xhud, permezz tal-affidavit tieghu, jirreferi ghal ordni datata 7 ta' Settembru 2017 u jikkontendi li s-socjeta` attrici diga` thallset ghaliha. In kontro-ezami huwa jghid li, fir-rigward ta' din il-merkanzija mitlufa « *s-socjeta` intimata kienet infurmatna sussegwentement li kien hemm xi merkanzija li kienet nieqsa pero` ahna bbazajna ruhna fuq il-firma taghhom li kienet tindika li l-merkanzija kienet giet* recieved in good order and condition » F'dan ir-rigward huwa l-ewwel jghid li tali dokument ma jinsabx ezebit in atti u mbaghad li dan id-dokument huwa d-**<u>delivery order ezebita a fol. 6</u>** tal-process. Din id-*delivery order* effettivament tinsab iffirmata minn certu Thomas Butterworth (impjegat tas-socjeta` konvenuta kif konfermat mir-rapprezentant Sciberras ta' din tal-ahhar in kontro-ezami) fis-17 t'Awwissu, 2017 fis-sens illi dan ircieva 4 *pallets in good order and condition*. Madanakollu huwa car li, logikament, din l-ordni certament li m'hijiex l-istess wahda li Xerxen jirreferi ghaliha fl-affidavit tieghu u li, skont hu, kienet datata 7 ta' Settembru, 2017 u dan ghaliex din ir-ricevuta hija datata **<u>qabel</u>** id-data ta' din l-ordni.

Illi da parti tieghu, ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta Jonathan Sciberras jirreferi ghal ordni koncernanti zewg pakketti u zewg pallets u fejn ix-xufier tieghu gabar zewg paletti minghajr il-pakketti. Huwa jixhed li : « *Ix-xoghol gie lura l-mahzen tieghi u x'hin sar rendikont ta' dak li wasal indunajt li kien hemm zewg pakketti neqsin.* » Il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta ghaldaqstant tirreferi ghall-kumpens tal-merkanzija mitlufa fl-ammont ta' sitt mitt euro (€600) liema ammont jinsab konfermat ukoll mill-ordni li tinsab ezebita in atti bhala Dok. X. Annessi mal-istess affidavit ta' Sciberras hemm diversi *emails* inkluza wahda datata 8 t'Awwissu, 2017 li permezz taghha Omar Borg a nom tas-socjeta` attrici jikkonferma li kellhom jingabru zewg *pallets* u wkoll zewg pakketti a konferma ta' dak li xehed l-istess Sciberras u jirrizerva sahansitra l-posizzjoni tieghu fil-konfront tal-agent taghhom. Hemm ukoll anness mal-affidavit ta' Sciberras *pick-up note* li turi li ngabbru zewg pallets u wkoll zewg pakketti. In kontro-ezami Sciberras jikkonferma li l-impjegat tieghu kien iffirma li rcieva erba' *pallets* bi zball.

Jehtieg allura li jigi determinat jekk ir-ricevuta allegatament sottoskritta bi zball mill-impjegat tas-socjeta` intimata (datata 17 t'Awwissu, 2017) tistax isservi bhala konferma tal-merkanzija li giet migbura anke meta sar ilment mir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta (permezz ta' email datata 8 t'Awwissu, 2017). F'dan ir-rigward ukoll it-Tribunal ma jistax ma jinnutax kunflitt ta' provi fis-sens illi logikament ma jistax ikun li r-ricevuta iffirmata mir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta fis-17 t'Awwissu, 2017 tirreferi ghall-istess ordni li dwarha Sciberras kien diga` ilmenta fit-8 t'Awwissu, 2017. Konsegwentement huwa car li l-ircevuta datata 17 t'Awwissu, 2017 ma tistax isservi sabiex, in linea ma' dak eccepit mis-socjeta` attrici, tipprova li s-socjeta` konvenuta rceviet il-merkanzija kollha inkluza dik mitlufa u li dwarha Sciberras kien diga` ressaq l-ilment tieghu fit-8 t'Awwissu, 2017.

Huwa car allura li s-socjeta` attrici ma rnexxilhiex tipprova dak allegat minnha u cioe` li s-socjeta` attrici rceviet anke l-merkanzija mitlufa u ffirmat ghaliha. Min-naha l-ohra s-socjeta` konvenuta irnexxielha tipprova li hija ressqet l-ilment taghha fir-rigward taz-zewg pakketti neqsin u li kienu ingabru mis-socjeta` attrici jew min ghalihom skont il-*pickup note*. Irnexxielha tipprova wkoll li din il-*claim* giet diretta min-naha tas-socjeta` attrici lill-agent taghha imma l-merkanzija mitlufa baqghet ma nstabitx. It-Tribunal jinnota li s-socjeta` attrici ma ressqet ebda eccezzjoni ghall-kontro-talba koncernanti termini applikabbli skont il-kundizzjonijiet tas-CMR jew limitazzjonijiet relattivi ghar-responsabilita` jew valur tal-kumpens imma llimitat ruhha filli tichad li hija kkunsenjat merkanzija nieqsa. Kif jinsab diversi drabi deciz it-Tribunal odjern ukoll huwa tenut illi jiddecidi l-kawzi quddiemu entro l-parametri tat-talbiet u l-eccezzjonijiet relattivi. Huwa car li fil-kaz odjern il-kwistjoni kienet limitata ghall-argument li l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici m'ghandux jitnaqqas bis-somma mitluba permezz tal-kontro-talba u dana in vista ta' ricevuta iffirmata mir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta – allegatament ezebita a fol. 6 tal-process, liema ricevuta irrizulta li certament ma kenitx tirrigwardja tali konsenja ghaliex il-konsenja bil-merkanzija nieqsa kienet diga` waslet ghand is-socjeta` konvenuta **<u>qabel</u>** dik id-data u tressaq l-ilment relattiv ghaliha.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' limitatament l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta sakemm kompatibbli mas-surreferit u jichadhom ghall-bqija u konsegwentement jilqa' wkoll limitatament it-talba attrici, jichad ukoll l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghat-talba rikonvenzjonali u jilqa' l-istess kontro-talba fis-somma mitluba ta' sitt mitt euro (€600). Konsegwentement bi tpacija bejn iz-zewg partijiet, it-Tribunal qieghed jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma bilancjali tat-talba ammontanti ghal elf, mitejn u sitta u tmenin euro (€1286) bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza. Tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz spejjez relattivi ghat-talba jigu sopportati in kwantu ghal terz mis-socjeta` attrici u zewg terzi mis-socjeta` konvenuta filwaqt li l-ispejjez relattivi ghall-kontro-talba jigu sopportati interament mis-socjeta` attrici.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**